MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

It-Tnejn, 13 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-13:15.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 28.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

28.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 28.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

28.2.1 Is-Sindku qal li saret applikazzjoni mill-Football Club sabiex is-sena ssir edizzjoni tal-5K run fil-21 ta' Novembru u l-għan tagħha huwa sabiex jinġabbru fondi b'risq kura tas-saħħa mentali. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħti s-sapport tiegħu b'għajnuna ta' loġistika, bħal permess, għeluq tat-toroq u affarijiet simili.

28.2.2 Is-SE qalet li iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar qed jiżdiedu l-ammonti ta talbiet ta' permessi ta għeluq ta' toroq u permessi ta' makkinarji fit-toroq. Is-SE kompliet tgħid li dan qed joħloq tfixkil għar-residenti u anke diffikulta' fuq l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Is-SE proponiet li l-Kunsill għandu joħloq policy fejn il-permessi isiru bi pjan imfassal għal tul l-ġimgħa sħiħa, b'hekk, min ġimgħa qabel, kulħadd ikun infurmat x'permessi u għeluq ta' toroq se jkun hemm il-ġimgħa ta' wara. Il-Kunsill qabel unanimament.

28.2.3 Is-SE qalet li d-Direttur talab sabiex hi tgħaddi l-leave akkumulat lejn 2022. Is-SE qalet li se tgħaddi 100 siegħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

28.2.4 Is-SE qalet li irċivejna l-kont ta' Road Construction għall-spejjeż relatati ma Triq Wied il-Merill, li mhux eliġibbli mal-iskema tal-miżura M4.3. Is-SE qalet li l-ammont hu ta' €13,827.14 u kont għall-ħlas tal-Perit Scerri ta' €691.36. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jitħallsu peress li kienu xogħolijiet essenzjali sabiex titlesta t-triq kif suppost.

28.2.5 Is-SE qalet li iltaqa l-bord tat-tender "Service Tender for the collection of mixed household waste from the localities of San Lawrenz and l-Għasri in an environmentally friendly manner". L-unika offerta' kienet ta' KIP Ltd, u peress li kienet techically u financially compliant, qed tiġi proposta biex tiġi aċċettata, ġie innutat li l-ispiża ser togħla bi 12% over budget. Il-Kunsill qabel unanimament mal-offerta.

28.2.6 Is-SE qalet li l-Kunsill għandu sistema ta' servizz ġdid għal dawk li iridu iħallsu pagamenti tal-Housing. Il-Kunsill qabel unanimament.

28.2.7 Is-SE qalet li l-Kunsill irid jaħtar bord tal-evalwazzjoni għat-'tender for the maintenance of trees and plants, using enviromentally friendly materials and practices' u 'tender for the supply of pots, trees and plants, including planting and maintenance, using environmentally friendly materials and practices'. Il-Kunsill qabel uanimament li jinħatru, Pauliana Said, Laurence Attard u Mario Azzopardi.

28.2.8 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza fejn qed jitlobu għal-ħsara li saret fil-vettura tagħhom fl-area tal-Ħarrux. Il-Kunsill qabel li peress din it-triq mhix bl-asphalt, ma taqax taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill.

28.2.9 Is-SE qalet li ħarġet BELLUS Fund Call mill-ERA. Is-Sindku qal li dan hu proġett li organizzajoni bis-sehem tal-Universita ta' Malta ippropniet li l-Kunsill ikun parti minn din l-applikazzjoni konġunta ma Kunsill iehor Malti. Qed niġu mitluba sabiex insibu biċċa art agrikola u jitħawwlu siġar u pjanti indiġini. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Surmast sabiex jintuża l-ġnien tal-iskola u l-art ħdejn fejn instab dak l-Għar Puniku fi Triq it-Tieqa tad-Dwejra. Is-Sindku kompla jgħid li dan iffinazjajt kompletament. Il-Kunsill qabel unanimament.

28.2.10 Is-Sindku semma li bħalissa qed isiru l-aħħar preparamenti sabiex jinħarġu fondi tal-EU taħt l-ERDF. Wara diskussjoni sar qbil unanimu li meta joħorġu l-Kunsill għandu japplika għal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku bl-għajnuna tal-kumpanija ta' Ms Advisory Ltd.

28.2.11 Is-SE qalet li d-direttorat tal-Kultura f'Għawdex qed jiġbor informazzjoni minn kull Kunsill f'Għawdex sabiex isiru esebizzjoniijet f'kull raħal. Il-Kunsill qabel unanimament li nieħdu sehem.

28.2.12 Is-SE qalet li irċiviet korrispondenza li l-kuntratt tal-linja tal-mobile tal-Kunsill ser jiskadi u tal-GO offrew li din tinżel għar-rata ta' €34.00 fix-xahar. Il-Kunsill qabel unanimament.

28.2.13 Is-SE qalet li tal-EMW irċivejna somma ta' €2000.00 għall-avvenimenti.

28.2.14 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand kumpanija li tieħu ħsieb il-produzzjoni tas-serje 'Below Deck', fejn talbu għall-permess ta' filming fid-Dwejra. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jintalab programm dettaljat sabiex ikun jista jinħareġ permess fuqu.

28.2.15 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand il-Kunsill tal-Għarb fejn qed jitolbu 'no objection' għal run li ser jorganizzaw. Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-attivita.

28.2.16 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand il-Green MT fejn sostnew li qed isir telf minħabba l-mod ta' operat u jista' jkun hemm sospensjoni ta' servizz madwar il-pajjiż. Il-Kunsill unanimament qabel li nistennew għal iktar direzzjoni.

28.2.17 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza sabiex nipparteċipaw fil-Solidarity Fun Run. Il-Kunsill qabel li nsaqsu sabiex l-attivita issir waqt il-5K run fi 21 ta' Novembru.

## 28.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

28.3.1 Il-kunsillier Anthony Formosa talab jekk irċivejniex risposta rigward il-problema tal-widien. Is-Sindku wieġbu li fil-laqgħa tal-Kumitat dejjem issemija, pero il-proġett minn naħa tal-Ambjent Malta għadu fil-proċess.

## 28.4 Ġemelaġġ mal-Birgu u San Lawrenz;

28.4.1 Is-Sindku qal li fil-ġemelaġġ morna tajjeb ħafna u issa jmiss il-Kunsill ta' San Lawrenz sabiex isib ġurnata matul din is-sena sabiex nilqgħu lil tal-Birgu u jiġi ffirmat il-ġemellaġġ minn naħħa tagħna.

## 28.5 Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart;

28.5.1 Is-SE ippreżentat ir-rapport ta' kull kwart. Dan ġie approvat.

## 28.6 Bank Ġdid fi Triq Ċangura;

28.6.1 Is-Sindku qal li kien hemm talba mingħand qarib ta' persuna sabiex jisponsorja bank u titwaħħal plakka b'memorja ta' din l-qraba fuqu. Is-Sindku qal li fi Triq Ċangura, kellu talba sabiex isir bank ukoll u allura ikun ideali li jitpoġġa fl-istess post. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 28.7 Belvedere fi Triq il-Qasam;

28.7.1 Is-Sindku ippropona li sabiex fit-Triq tal-Qasam isir Belvedere żgħir bi ftit bankijiet u imwejjed. Dan jista' jsir bħala parti mill-iskema tal-LESA. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 28.8 Lampa/Fanal Ġdid fl-Area ta' Pawluzzu;

28.8.1 Is-Sindku qal li daħlitlu talba sabiex isir fanal f'din l-area, pero irid isir arblu ukol għaliex hemm ħajt tas-sejjieħ. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 28.9 Ideazzjonisti;

28.9.1 Is-Sindku qal li hemm grupp fejn jixtiequ jużaw il-Facebook page tal-Kunsill sabiex itellgħu affarijiet informattivi b'animations u jieħdu għajnuna mill-istess Kunsill. Sar qbil unanimu sabiex nitolbu sponsorship min entita' bħal BOV sabiex tgħin fi spejjeż li jista jkun hemm.

## 28.10 European Mobility Week 2021;

28.10.1 Is-Sindku qal li għall-EMW jipproponi li ssir car free day nhar s-sibt 18 ta' Settembru fejn ikun hemm entertainment bi band fil-pjazza għall-kulħadd. Is-Sindku ippreżenta l-programm tal-bqija tal-ġimgħa tal-EMW u ġie approvat unanimament.

## 28.11 Bdil tal-Fanali tal-Belvedere ta' Nicholas Monsarrat;

28.11.1 Is-Sindku ippropona li jindbidlu l-fanali eżiżtenti fil-Belvedere ta' Nicholas Monsarrat bl-iskema tar-Reġjun t'Għawdex – Proġetti Ambjentali. Dawn ikunu jaħdmu bis-solar panels u jkunu apposta biex ma ssirx light pollution. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 28.12 Keep Fit Classes;

28.12.1 Is-Sindku ippropona li isiru keep fit classes f'Ottubru. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 28.13 Għeluq ta' Toroq waqt il-ħin tad-Dħul u Ħruġ tal-Istudenti;

28.13.1 Is-Sindku qal li bħalissa hemm kwistjoni bejn il-Gvern Ċentrali u l-Kunsilli fejn il-gvern qed jitlob sabiex il-Kunsill iħallsu wardens jew pulizija fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskejjel. Il-Kunsill qabel unanimament li għalissa jekk qed ikun hawn preżenza ta pulizija kuljum f' San Lawrenz, ma jsir xejn.

## 28.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

28.14.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur Annie Formosa għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall -Kunsill.

.

28.14.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 28.15.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.15.1 Il-laqgħa intemmet fl-15:15 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis, 14 ta' Ottubru 2021 fit-09:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv